Minuti tal-laqgħa tmienja u għoxrin (28), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ħamis, 26 ta' Frar 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Saviour Borg | Sindku |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mill-Viċi Sindku, s-Sur Victor Cefai peress li s-Sindku kien indispost u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa sitta' u għoxrin (26) u sebgħa u għoxrin (27) ġew approvati kif preżentati u ffirmati mill-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li:

2.2 Il-*performance bonus* tas-Seg. Eżekuttiv u ta' l-Aġent Seg. Eżekuttiv gew approvati mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

2.3 Saret l-applikazzjoni għal Proġetti Kapitali u intbgħatet lil Ministeru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. L-applikazzjoni saret fuq il-bini taċ-Ċentru Ċiviku u l-pavimentar ta' l-isqaq fejn il-Mitħna ta' Randu.

2.4 Rigward il-*website*, sabiex il-Kunsill Lokali ikollu is-CMS tagħha intalab iħallas €300 darba biss. Iċċekjat ukoll ma *website* provider ieħor li għamel il-*website* tal-Kunsill tax-Xagħra u infurmaha li sabiex jibda' *website* mill-ġdid jieħu €590 inkluż il-VAT bis-CMS u fis-sena tħallas


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

madwar €180. Ma l-OS3 bħalissa l-Kunsill qed iħallas madwar €450 fis-sena. Il-membri qablu li inġibu *quotations* minngħand website providers oħrajn peress li fis-sena qed inħallsu ħafna iżda l-ewwel is-Segretarju Eżekuttiv għandha ticcekja jekk il-Kunsill hux marbut mal-OS3 b'xi kuntratt.

2.5 L-arbli taz-*zebra crossing* fi Triq Kappillan Gużeppi Hili reġgħu inżebgħu kif suppost mill-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru wara li saret talba mis-Seg. Eżekuttiv lil Kunsillier Horace Micallef peress li hu responsabbli minnhom fis-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex.

2.6 It-tabelli tan-*no entry for motorcycles* ta' Triq Wied Siekel u tal-*Cul de Sac* għal Triq il-Kardinal Alessandro Franchi ġew ordnati u mistennija jitlestew il-ġimgħa d-dieħla.

2.7 It-tabella tan-*no parking* fil-bidu ta' Triq ix-Xlendi saret mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex wara li s-Sur Micallef ħa ħsieb li ssir peress li hu responsabbli minnhom fis-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex.

2.8 Il-Kunsill irċieva l-*acknowledgement* mill-Ministeru għal Għawdex fuq talba tal-Kunsill għal kisi mill-ġdid ta' Triq l-Isptar San Giljan.

2.9 Is-Sinjali tat-traffiku tal-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn inżebgħu mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex peress li hi triq arterja wara l-insistenza tas-Sur Micallef u li hu responsabbli minnhom fis-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex.

2.10 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil Kunsill illi reġgħet intbgħatet emejl lil Asst. Direttur, s-Sur Lorry Apap sabiex isir il-*patching* neċessarju fi Triq l-Isptar San Giljan u Triq il-Għajn.

2.11 Id-*dustbin* tal-*playing field* weħel mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sur Micallef propona li jeħel iehor fil-playing field peress li wieħed huwa ftit. Il-membri qablu.

2.12 Inxtegħlu l-fanali l-ġodda ta' Triq il-Għajn wara li s-Seg. Eżekuttiv għamlet l-applikazzjoni kemm il-darba u għalhekk biex ingħata d-dawl s-Sur Micallef kellu jkellem lil Enġineer ta' l-Enemalta.

2.13 Saret il-ħarġa soċjo-kulturali f'Malta fl-okkazzjoni tal-Festa ta' San Pawl fejn saret żjara fil-katekombi ta' San Pawl u għal purċissjoni ta'



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

San Pawl fil-Belt Valletta. Attendew 28 resident fosthom is-Sindku u s-Sur Micallef.

2.14 L-apparat ta' l-*online streaming* ser jiġi mwaħħal mill-AID Ltd nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu 2015. Is-Sur Mercieca propona li jekk għandu jeħel xi apparat aħjar jeħel fil-kamra ta' taħt it-taraġ sabiex meta jkun hawn xi attivita' ma jkollniex ħsara. Is-Sur Mercieca qal li din għandha titpoġġa f'*cupboard* apposta minħabba l-umdita' u li tkun tingħalaq. Il-membri qablu li din għandha tiġi mitkellma ma l-AID Ltd qabel ma jitwaħħal l-apparat.

2.15 Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv kellhom laqgħa nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2015 fil-*boardroom* tal-Ministeru għal Għawdex rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill għal Proġetti Kapitali. Il-bord ta' l-għażla talab lil Kunsill itihom indikazzjoni kemm jistgħu joħorġu flus għal dan il-proġett. Ġie stmat mill-Perit illi dan il-proġett għandu jiġi jiswa' madwar €25,000. Wara diskussjoni l-membri qablu li l-Kunsill lest li joħroġ €10,000 għal dan il-proġett.

2.16 Kien hemm struzzjonijiet mill-ANSEK sabiex il-kuntratt li kien ġie ffirmat mal-POYC Unit għalissa jiġi miżmum.

2.17 Biex issir *zebra crossing* ġdida fi Triq Kappillan Hili, il-Perit Anġlu Portelli qed iħejji l-pjanti necessarji wara li kellu laqgħa mas-Sindku sabiex ikunu jistgħu jintbgħatu lil Transport Malta għal approvazzjoni.

3. <u>Budget 2015</u>

3.1 Rigward il-Budget 2015, is-Seg. Eżekuttiv spjegat lil membri l-*budget* għas-sena 2015 li ġie preparat minnha u mis-Sindku. Wara li tgħat spjegazzjoni dettaljata il-membri qablu li l-vot għal proġetti kapitali għandu jinbidel. Is-Sur Micallef qal li Triq John Gaspard le Marchant hija *white road* u għalhekk din għandha ssir mill-Gvern Centrali. Qal ukoll li x'ħin jinbena l-ħajt, il-Kunsill għandu jitlob lil Ministeru għal Għawdex sabiex issir il-kisja neċessarja. Qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb ukoll Trejqa wara l-Idjar peress li din hija *white road* ukoll u r-residenti ilhom jgħixu fiha. Is-Sur Mercieca qal li l-Kunsill mhux fil-kompitu li jiksi Triq il-Għajn u li jagħmel xogħol li hu responsabilita' tal-Gvern Centrali. Qal li aħjar il-fondi tal-Kunsill jintefqu fuq Triq Kappillan Hili billi terġa tingħata kisja oħra u jitbaxxew il-bankini. Is-Sur Micallef staqsa min stmaħ l-ammont għal €55,000 għal kisi mill-ġdid ta' Triq il-Għajn u jekk is-servizzi humiex inklużi f'din iċ-ċifra għax fl-opinjoni tiegħu jekk iridu jsiru s-servizzi tiġi tiswa' ħafna iktar.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



VC

Is-Sur Micallef sostna li aħjar il-flus jintefqu biex isir il-kontrabejt fuq iċ-ċentru ċiviku u wkoll isir l-*insulation* neċessarju sabiex ma jsirx aktar ħsara lil bejt eżistenti. Qal ukoll li l-kontrabejt jitħalla daqs erba' pulzieri l-isfel sabiex meta jinkesa l-bejt b'xi materjal ikun inċim iz-zuntier u hekk ma tasalx festa oħra u dan ikun għadu ma sarx. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li aħjar terġa tissejjaħ laqgħa oħra f'dan ir-rigward peress li dan irid jintbgħat lil Awdituri tal-Kunsill.

4. Sentenza ta' l-Appell tal-Ġebla tal-Qawwi

4.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi l-Kunsill irċieva r-risposta ta' l-Appell tas-sentenza tal-ġebla tal-qawwi. Is-Sur Micallef ppropona u il-membri qablu li l-Kunsill għandu jwaqqa' l-offerta u għalissa ma jsir ebda' kisi ta' dan il-bejt u l-Kunsill jinvesti l-flus fil-kontrabejt u l-*insulation* tal-bejt preżenti u meta l-kantuniera taddi f'idejn il-Kunsill isir l-kisi bl-istess materjal tal-bejt kollu.

5. Kuntratt tal-ġbir ta' skart separt

5.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li s-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Green MT fejn is-Sur Attard infurmhom li biex jieħdu l-flus dovuti lilhom sal-Kuntratt, jiġifieri s-somma ta' €1230 iridu jiffirmaw *statement* ta' *full and final settlement*. Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv ma ffirmawx dan l-*statement*. Is-Sur Micallef qabel mas-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv li dawn ma ffirmawx peress li intbgħatet ittra mill-Avukat lil Green MT. Is-Sur Micallef sostna li għandha tiġi ffirmata biss riċevuta li l-Kunsill qed jirċievi €1,230 iżda mhux li jiffirma l-*full and final settlement*. Infurmathom ukoll li kellhom ukoll laqgħa mal-GreenPak fejn dawn għad irid jibgħatu il-proposti tagħhom. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kumpanija GreenPak infurmatha li fil-ġimgħat li ġejjin ser tibgħat l-proposta tagħhom. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jġib iż-żewġ proposti minngħand iż-żewġ kumpaniji ħalli l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi malajr kemm jista' jkun.

6. Korrispondenza

6.1 Ittra minngħand is-Sur Michael Bongailas fejn talab lil Kunsill sabiex ikun l-*isponsor* tiegħu sabiex ikun jista' jipparteċipa f'xi *sports* barra minn Malta. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi l-Kunsill skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali Artiklu 33 jista' joffrilu *sponsor* iżda l-Kunsill għandu l-ewwel jitlobu aktar dettalji dwar l-attivita' li qed jitlob l-*isponsor* għaliha. Is-Sur Micallef qal li skond l-ittra tas-Sur


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Bongailas qed jitlob sabiex il-Kunsill ikun l-*isponsor* tiegħu tul il-karriera. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob lis-Sur Bongailas x'tip ta' għajnuna qed jitlob, kemm l-ammont li qed jistenna u jagħti aktar informazzjoni fuq din l-attivita' li ser jieħu sehem fiha. Il-Viċi Sindku qal li il-Kunsill għandu jagħmel li jista' sabiex jgħinu.

6.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li applikat għal insurance ta' assigurazzjoni ta' flus fil-Kunsill ma l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Micallef ippropona u l-membri qablu li għandha ssir grada tal-ħadid mat-tieqa tat-*toilet* ta' l-uffiċċju tal-Kunsill minħabba s-sigurta'.

6.3 Rigward l-iskema ta' saħħa, il-membri qablu li tagħhom għandha tiġi mġedda. Is-Seg. Eżekuttiv infurmathom illi min irid jdaħħal xi familjari għandu jimla' l-formola u jħallas b'cekk personali lil Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

6.4 Korrispondenza minn Transport Malta fejn talbu lil Kunsill verifikazzjoni taz-*zebra crossings* li hemm fil-lokalita'. Il-membri qablu li z-*zebra crossing* fi Triq Kappillan Hili quddiem nru 114 m'għadiex teżisti. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tibgħat korrispondenza lil Transport Malta sabiex jibgħatu *site plan* fejn qegħda din iz-*zebra crossing.* Qablu wkoll li għandha titniżżel ukoll iz-*zebra crossing* ta' Triq ix-Xlendi li saret dan l-aħħar.

6.5 Waslet l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex it-trejqa ta' quddiem iċ-ċentru parrokjali tingħalaq għat-traffiku waqt il-ħin tad-duttrina. Il-membri qablu li għandha ssir tabella tal-*one way sign* bil-ħinijiet wara l-knisja. Is-Sur Micallef qal li billi minn naħa ta' Triq il-Għajn it-triq mhix proprjeta tal-Gvern, it-tabella għandha ssir mill-Kappillan. Il-membri qablu li din għandha teħel ma kanna fejn ir-rampa in-naħħa ta' wara tal-Knisja. Is-Sur Mercieca propona li l-Kunsill għandu jiftiehem mal-Kappillan sabiex ż-żewġt tabelli jeħlu fl-istess ħin sabiex ma jkunux ta' konfużjoni għal min jgħaddi minn din it-trejqa.

6.6 Korrispondenza minn għand il-Kappillan fejn staqsa rigward it-talba li kien għamel għal għeluq tat-trejqa ta' quddiem iċ-ċentru parrokjali, staqsa ukoll rigward it-talba li kien għamel il-Kunsill għal kisi mill-ġdid taz-zuntier, ried ukoll informazzjoni dwar xi żviluppi kien hemm mar-raħal ta' Hal Luqa u wkoll propona sabiex issir ktejjeb għat-tagħlim tat-tfal tal-Fontana bħal ma sar fir-raħal tal-Qala. Il-membri qablu li l-Kunsill ma' jistgħax jagħti *sponsors* ta' dan it-tip peress li l-Kunsill ma jkunx qed jimxi mar-regoli tal-liġi. Is-Sur Micallef qal li



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

meta l-Kunsill ikollu l-librerija tiegħu jagħmel dawn it-tip ta' kotba u jqassamhom il-Kunsill lit-tfal tal-lokalita'.

7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Skeda Nru 23 tal-ħlasijiet ġew approvati iżda *payment voucher* 12 tas-Sur Tarcisio Xerri gie miżmum peress li jeħtieġu iktar verifiki tax-xogħol li sar fuq din l-*invoice*. L-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-membri preżenti.

8. Materji Oħra

8.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi intefgħu tlett kwotazzjonijiet għal *accountant* li għalqu fl-20 ta' Jannar 2015. Il-kwotazzjonijiet ġew miftuħa quddiem il-preżenti mis-Seg. Eżekuttiv. Il-kwotazzjonijiet kienu hekk:
Parker Randall Turner ikwota l-prezz ta' €2,832 fis-sena u sabiex ikollu r-*records up to date* ġie kwotat il-prezz ta' €1,770.
John C Buttigieg ikwota l-prezz ta' €3,800 fis-sena u sabiex ikollu r-*records up to date* ġie kwotat il-prezz ta' €1,400.
Waqt li Daniel Galea ikwota l-prezz ta' €1,799 fis-sena u sabiex ikollu r-*records up to date* ġie kwotat il-prezz ta' €800.
Il-membri qablu li qabel ma tingħata din il-kwotazzjoni għandha tintbgħat *default notices* lil Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex sabiex tkun tista' ssir verifika.

8.2 Il-membri qablu li għandu jinxtara *cordless braise* b'żewġ batteriji *lithium* b'saħħa ta' 18V kif ukoll sellum twil sabiex ix-xogħol ta' *handyman* ikun jista' jitwettaq mill-ħaddiema li għandu l-Kunsill għad-dispożizzjoni tiegħu. Is-Sur Mercieca għandu jiġbor il-kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

8.3 Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu li għandu jinxtara *laptop* għal Kunsill sabiex is-Seg. Eżekuttiv ma toqgħodx tuża l-*laptop* tagħha personali.

8.4 Bdiet taħdem mal-Kunsill Lokali bħala *cleaner* s-Sinjura Doreen Sacco taħt l-iskema tas-CWS.

8.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi s-Sur Mercieca ġabilha kuntatt tas-Sur Tony Micallef li jieħu ħsieb id-donazzjonijiet tad-demm. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li is-Sur Tony Micallef qalilha li jekk il-Kunsill ikollu konkorenza biżżejjed għandu jorganizza


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


VC

t-transport u ukoll isiru *posters* għal ta' l-apposta peress li mhux viabli li jibgħatu l-*mobile unit* peress li ma hawnx bogħod għal isptar. Il-membri qablu li għandhom jintbgħatu l-avviżi fid-djar xi xahar qabel il-festa sabiex il-Kunsill iħeġġeġ lin-nies u jekk ikun hawn biżżejjed konkorrenza jorganizza t-transport.

9. Materji Oħra

*Mill-Viċi Sindku*

9.1 Ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel korsijiet rigward is-saħħa bħal dimensja, first aid u *blood pressures.* Is-Sur Micallef qa li l-ewwel il-Kunsill għandu jsir lil xi ħadd li jagħmel dawn it-*talks.* Is-Sur Micallef propona li l-Kunsill għandu jġib voluntiera ta' ERRC. Il-membri qablu. Is-Sur Micallef għandu jagħmel kuntatt magħhom f'dan ir-rigward.

*Mis-Sur Horace Micallef*

9.2 Ippropona sabiex isiru *refreshing lines* tal-*parking bays* li hemm fi Triq Kappillan Hili peress li qed ikunu ta' diżgwid għas-sewwieqa. Il-membri qablu f'dan ir-rigward.

9.3 Ippropona sabiex issir tabella żgħira mal-grada sabiex il-grada li tagħlaq il-playing field għat-taraġ tinżamm magħluqa. Il-membri qablu.

9.4 Is-Sur Micallef ippropona li l-Kunsill għandu jibgħat avviż fid-djar għal Ambaxxatur Lokali tal-Vote 16 ħalli jekk hawn xi ħadd interessat ikun jista' japplika peress li kien ilu li intbgħat avviz ta' dan it-tip lir-residenti. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi s-Sur Joseph Mercieca hu interessat sabiex japplika għal Ambaxxatur Lokali. Il-Viċi Sindku qal li dan il-ġuvni avviċinah f'dan ir-rigward u hu infurmah sabiex imur l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ħalli jigi gwidad f'dan ir-rigward. Il-membri qablu li għandu jintbgħat l-avviż sabiex il-Kunsill ikun qed jimxi etikament korrett.

*Mis-Sur Mario Mercieca*

9.5 Ippropona li ssir ħarġa għat-tfal tal-lokalita' fil-vaganzi ta' l-Ghid fuq stedina li kienet għamlet il-President ta' Malta, l-E.T Marie Louise Coleiro Preca meta għamlet żjara fil-Kunsill fl-okkazzjoni ta' l-Istrina.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.6 Ippropona li l-Kunsill għandu jitlob lil Transport Malta sabiex isir studju fuq Triq il-Kappillan Hili peress li qed jaqa' ħafna traffiku f'din it-triq. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa ma Transport Malta f'dan ir-rigward.

9.7 Ippropona sabiex isir xi ħaġa peress li fl-ewwel sqaq fejn ta' Golina Supermarket qed izomm ħafna ilma. Is-Sur Micallef qal li l-ewwel l-Kunsill għandu jiċċekja jekk l-isqaq hux tal-Kunsill.

9. <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal Erbgħa, 18 ta' Marzu 2015 fil-5.00 ta' fil-ghaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' fil-għaxija.

Victor Cefai
Viċi Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555